

Faċli tiċċekkjahom u diffiċli tiffalsifikahom

Minħabba li l-karti l-ġodda ta' €5 u €10 għandhom karatteristiċi ta' sigurtà ġodda, saru ħafna aktar diffiċli biex tiffalsifikahom. Bħall-karti tal-flus tal-ewwel sensiela, malajr tista' tiċċekkjahom. Kemm timxi mal-metodu "Ħoss, Ħares u Mejjel".



1 ĦOSS

- Il-karta tal-flus** – Tinħass tqarqaċ u soda.
- L-istampar imqabbeż** – Ħoss il-linji qosra mqabbżin mat-truf tax-xellug u tal-lemin tal-karta tal-flus. Ix-xbieha ewlenija, l-ittri u ċ-ċifra l-kbira tal-valur ukoll jinħassu eħxen.



2 ĦARES


- Watermark bil-wiċċ** – Ħares lejn il-karta tal-flus kontra d-dawl. Tista' tara wiċċ Europa, iċ-ċifra tal-valur u tieqa.
- Poġġi l-karta tal-flus fuq wiċċ skur u l-partijiet ċari jiskuraw.
- Fil ta' sigurtà** – Ħares lejn il-karta tal-flus kontra d-dawl. Il-fil ta' sigurtà jidher bħala linja skura.



3 MEJJEL

- Numru aħdar żmerald** – Mejjel il-karta tal-flus. Jidher effett bid-dawl miexi 'l fuq u 'l isfel man-numru, li wkoll ibiddel il-kulur tiegħu minn aħdar żmerald għal blu skur.
- Ologramma bil-wiċċ** – Mejjel il-karta tal-flus. Fl-istrixxa lewn il-fidda jidher wiċċ Europa, tieqa u ċ-ċifra tal-valur.

IS-SENSIELA EUROPA



Il-karta l-ġdida tal-€10 li ħierġa fit-23 ta' Settembru 2014



IL-WIĊĊ ĠDID TAL-EURO
Skopri l-karta l-ġdida ta' €10

www.karti-godda-tal-euro.eu
www.euro.ecb.europa.eu



Mezz ta' ħlas fdat



Mario Draghi
President tal-Bank Ċentrali Ewropew

Sa minn meta daħlu fiċ-ċirkolazzjoni fl-2002, il-karti tal-euro saru wieħed mill-mezzi ta' ħlas l-aktar fdati fid-dinja kollha. Biex tinżamm din il-fiduċja, is-sensjela Europa tinkorpora l-aħħar teknoloġija li qiegħda tintuża fil-karti tal-flus.

Dħul gradwali tas-sensjela l-ġdida

Il-karti tal-flus tas-sensjela Europa se jkomplu deġlin gradwalment fis-snin li ġejjin. Il-karta l-ġdida ta' €5 dahllet fl-2013 filwaqt li l-karta l-ġdida ta' €10 se toħroġ fit-23 ta' Settembru 2014. Il-karti tal-flus tal-ewwel sensjela se jibqgħu fl-idejn flimkien mal-karti l-ġodda sakemm joħroġ avviż ieħor. Meta ma jibqgħux valuta legali, xorta jistgħu jissarrfu sa żmien indefinit fil-banek ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema.

Aktar tagħrif jinsab hawnhekk:
www.karti-godda-tal-euro.eu

Il-“wiċċ” tal-karti tal-flus il-ġodda tal-euro

L-uċuħ dejjem intużaw tradizzjonalment fuq il-karti tal-flus fid-dinja kollha u l-istudji u r-riċerka li saru juru li n-nies x'aktarx jagħrfu l-uċuħ bla tbatija. L-Eurosistema għażlet li tqiegħed il-wiċċ ta' Europa fil-watermark u fl-ologramma tas-sensjela l-ġdida ta' karti tal-euro. Europa hija figura tal-mitoloġija Griega. Il-wiċċ ittieħed minn vażun li jinsab fil-Louvre, Pariġi. Il-vażun instab fl-Italja tan-Nofsinhar u għandu aktar minn 2,000 sena. Dan il-wiċċ intgħażel minħabba li għandu rabta ċara mal-kontinent tal-Ewropa u wkoll jagħti laqta umana lill-karti tal-flus.



L-EWWEL SENSIELA



IS-SENSIELA EUROPA



 www.nbb.be	 www.bundesbank.de	 www.eestipank.ee
 www.centralbank.ie	 www.bankofgreece.gr	 www.bde.es
 www.banque-france.fr	 www.bancaditalia.it	 www.centralbank.gov.cy
 www.bank.lv	 www.bcl.lu	 www.centralbankmalta.org
 www.dnb.nl	 www.oenb.at	 www.bportugal.pt
 www.nbs.sk	 www.bsi.si	 www.bof.fi

Biex tkun taf aktar dwar il-karti tal-flus u l-muniti tal-euro għandek tikkuntattja lill-bank ċentrali ta' pajjiżek jew

Il-Bank Ċentrali Ewropew
Kaiserstrasse 29
60311 Frankfurt am Main
Il-Ġermanja

Tel.: +49 69 1344 7455 / Fax: +49 69 1344 7401
Email: info@ecb.europa.eu
www.karti-godda-tal-euro.eu
www.euro.ecb.europa.eu